



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

12693/21

COPS 351
POLMIL 159
COWEB 123
CFSP/PESC 914
CSDP/PSDC 489
BIH 15

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12591/21	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bożnija- Herzegovina/Operazzjoni EUFOR Althea

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bożnija-
Herzegovina/Operazzjoni EUFOR Althea, kif approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fit-
18 ta' Ottubru 2021.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR
IL-BOŻNIJA-HERZEGOVINA / OPERAZZJONI EUFOR ALTHEA**

1. Il-Kunsill itenni l-impenn inekwivoku tiegħu lejn il-perspettiva tal-Bożnija-Herzegovina orjentata lejn l-UE bħala pajjiż wieħed, magħqud u sovrani. Il-Kunsill jiddispjaċih ħafna għall-kriżi politika fit-tul fil-pajjiż u jikkundanna l-imblukkar tal-istituzzjonijiet tal-Istat. Il-Kunsill ihegġegħ lill-mexxejja politiċi kollha biex jirrinunzjaw għar-retorika u l-azzjonijiet provokattivi u diviżivi, inkluż dubji rigward l-integrità territorjali tal-pajjiż, u biex jiffokaw l-isforzi konġunti tagħhom fuq l-issodisfar tal-14-il prijorità ewlenija identifikati fl-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Bożnija-Herzegovina għal sħubija fl-UE, approvata mill-Kunsill fl-2019, u f'konformità mal-interess taċ-ċittadini kollha biex isir progress lejn l-Unjoni Ewropea.
2. Il-Kunsill jilqa' l-preżenza kontinwa tal-Operazzjoni Althea, li, wara r-Reviżjonijiet Strateġiċi tal-2017 u l-2019, iffokat mill-ġdid fuq il-mandat ċentrali tagħha ta' appoġġ lill-awtoritajiet tal-Bożnija-Herzegovina fiż-żamma ta' ambjent sigur u mingħajr periklu (SASE), abbażi ta' mudell solidu ta' intelligence predittiva. Fl-istess ħin, l-Operazzjoni tkompli timplimenta l-kompiti l-oħra li jirriżultaw mill-Ftehim Qafas Ġenerali għall-Paċi (GFAP) kif ukoll it-taħriġ kollettiv mal-Forzi Armati tal-Bożnija-Herzegovina (AFBiH).
3. Il-Kunsill jirrikonoxxi li dawn il-prijoritajiet ġew ikkonfermati fit-tielet Reviżjoni Strateġika tal-Operazzjoni ppreżentata f'Ġunju 2021, inkluż is-sejbiet li skonthom il-preżenza tal-Operazzjoni għad għandha rwol ewlieni għall-istabbiltà u s-sigurtà fil-pajjiż, bħala parti mill-istrateġija ġenerali tal-UE għall-Bożnija-Herzegovina. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jafferma mill-ġdid ir-rieda tal-UE li tkompli l-mandat eżekuttiv tal-Operazzjoni taħt awtorizzazzjoni mġedda tan-NU.

4. Il-Kunsill jinnota li matul l-aħħar sena, il-pandemija tal-COVID-19 u l-effetti tagħha komplew jgħolqu sfida kbira u jfaħħar lill-Operazzjoni talli baqgħet kompletament operazzjonali u kompliet tappoġġa lill-pajjiż f'dawn iż-żminijiet diffiċli.
5. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza ta' koordinazzjoni kontinwa ta' EUFOR Althea ma' atturi internazzjonali oħra fuq il-post.
6. L-UE tkompli thegġegħ lill-awtoritajiet tal-Bożnija-Herzegovina, bl-appoġġ tal-komunità internazzjonali, biex isaħħu l-isforzi tagħhom biex ikomplu jindirizzaw ir-rimi ta' munizzjon żejjed, l-armi u tagħmir splussiv, kif ukoll rigward it-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji. F'dan ir-rigward, l-UE tinsab lesta li tkompli tappoġġa l-attivitajiet tat-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji fil-Bożnija-Herzegovina.
